PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

**2009/2234(INI)**

1.3.2010

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kontribut tal-politika reġjonali tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika u finanzjarja, b'referenza speċjali għall-Objettiv 2 (2009/2234(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Rodi Kratsa-Tsagaropoulou



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-kontribut tal-politika reġjonali tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika u finanzjarja, b'referenza speċjali għall-Objettiv 2**
**(2009/2234 (INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni 'Konsultazzjoni dwar l-Istrateġija futura "UE 2020"' (COM(2009)0647),

– wara li kkunisdra s-Sitt Rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali (COM(2009)0295),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Nixprunaw l-irkupru Ewropew' (COM(2009)114),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni'Politika ta' Koeżjoni: ninvestu fl-ekonomija reali' (COM(2008)0876),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda: L-antiċipazzjoni u t-tlaqqigħ tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa' (COM(2008)0868),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku' (COM(2008)0800),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Minn kriżi finanzjarja għal irkupru: Qafas Ewropew għall-azzjoni' (COM(2008)0706),

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aġġornament tal-2009 tal-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Komunità u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2009)0034).

– wara li kkunsidra r-Rapporti Strateġiċi Nazzjonali mill-Istati Membri għall-2009,

– wara li kkundisra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1260/1999[1],

– wara li kkunsidra l-mozzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-Politika għall-Koeżjoni: Ninvestu fl-ekonomija reali[2],

– wara li kkunisdra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-Sitt Rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali (COTER-IV-027),

– wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew - Ħarifa 2009/Ekonomija Ewropea

[1] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
[2] Testi approvati, P6_TA(2009)0124.

10/2009 - DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji - Kummissjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Rapport ta’ kull tliet xhur dwar iż-Żona tal-Euro, Vol. 8 Nru 4 (2009) - DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji - Kummissjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0000/2010),

A. billi bejn l- 2000 u l-2006 15.2% tal-Ewropej (69.8 miljuni) kienu jgħixu f'żoni tal-Objettiv 2 u bbenefikaw minn finanzjament totali ta' EUR 22.5 biljuni (9.6% tar-riżorsi totali bil-ħolqien ta' 730 000 impjieg "gross" u bil-biċċa kbira tal-indikaturi juru livelli għolja ta' rendiment (xogħol, innovazzjoni, riċerka u żvilupp (R&D), intensità ta' kapital uman, edukazzjoni u taħriġ, tagħlim għal tul il-ħajja) filwaqt li min-naħa l-oħra, indikaturi oħrajn (investiment barrani dirett (FDI), produttività) juru livelli aktar baxxi minn dawk tar-reġjuni ta' konverġenza; u, billi f'dak li jirrigwarda PGD per capita meta mqabbel mal-medja Ewropea, ir-reġjuni in kwistjoni jinsabu bil-bosta aktar 'il quddiem (122%) mir-reġjuni ta' konverġenza (59%) iżda safrattant juru tnaqqis ta' 4.4% f'dak il-perjodu,

B. billi jinnota li bir-riforma tal-2006, l-Objettiv 2 issa jirrigwarda t-tisħiħ tal-kompetittività reġjonali u l-impjiegi f'total ta' 168 reġjun f'19 il-Stat Membru, jiġifieri 314 miljun abitant, b'finzjament totali għall-2007-2013 ta' EUR 54.7 biljun (kemm kemm anqas minn 16% tar-riżorsi kollha), u, ta' min wieħed jinnota, li 74% ta' dan l-ammont huwa intenzjonat sabiex itejjeb l-għarfien u l-innovazzjoni (33.7%) u għal aktar impjiegi u impjiegi aħjar (40%),

C. billi abbażi tat-tbassir l-aktar reċenti tal-Kummissjoni (2009-2011), is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol se tibqa' sfavorevoli u r-rata tal-qgħad se tilħaq l-10.25% fl-UE, bit-telf ta' 2.25% tal-impjiegi għall-2009 u 1.25% għall-2010; is-setturi kruċjali tar-reġjun tal-UE juru: (a) żieda fl-ordnijiet ġodda u fil-fiduċja fis-sitwazzjoni industrijali ġenerali, għalkemm b'rata ta' produzzjoni ta' 20% aktar baxxa milli kienet fil-bidu tal-2008, (b) ikompli t-tnaqqis tal-attività fis-settur tal-manifattura, (c) tkompli d-diffikultà tal-SMEs sabiex jaċċessjaw mikro-kreditu/finanzjament,

D. waqt li jenfasizza l-fatt, li skont ir-Rapporti Strateġiċi Nazzjonali, l-Istati Membri jidher li għamlu użu pjuttost differenti mill-istrumenti, mezzi u metodi għall-faċilizzazzjoni tal-politika għall-koeżjoni proposta mill-Kummissjoni sabiex jikkumbattu l-kriżi u jżiedu n-nefqa reali (bħal użu ta' 100% tal-finanzjament, bidliet fil-linji gwida u l-pernijiet u l-finanzjament għall-programmi operazzjonali u t-tweġida għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' implimentazzjoni);

E. waqt li jenfasizza li minn Ottubru 2008 'l quddiem il-Kummissjoni pproponiet sensiela ta' miżuri biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-programmi skont il-politika għall-Koeżjoni 2007-2013 sabiex jiġu mobilizzati r-riżorsi u l-mezzi kollha biex jingħata appoġġ immedjat u effettiv għall-isforzi ta' rkupru fil-livell nazzjonali u reġjonali,

F. billi l-istrateġija tal-Kummissjoni sabiex taċċellera l-investiment u tissimplifika l-programmi tal-politika għall-koezjoni permezz ta' rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u permezz ta' miżuri leġiżlattivi, kif ukoll mhux leġiżlattivi, hija bbażata fuq dawn it-tliet pernijiet: (a) flessibilità akbar għall-programmi ta' koeżjoni, (b) l-għoti ta'

xprunatura tal-bidu għar-reġjuni, u (c) investiment għaqli għall-programmi ta' koeżjoni; billi fl- 2010, mill-EUR 64.3 biljun intenzjonati għall-impjiegi u l-kompetittività, EUR 49.4 biljun jirrigwardaw il-koeżjoni (żieda ta' 2% fuq l-2009) u EUR 14.9 biljun jirrigwardaw il-kompettittività (żieda ta' 7.9% fuq l-2009),

1. Jenfasizza li fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija u tat-tnaqqis fl-attività ekonomika, il-politika reġjonali tal-UE hija strument fundamentali li jagħti kontribut deċiżiv għall-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku u jikkostitwixxi l-akbar sors ta' investiment tal-Komunità fl-ekonomija reali u jipprovdi appoġġ notevoli għall-investiment pubbliku, inkluż fil-livell reġjonali u lokali;

2. Jinnota li l-Fondi Strutturali huma strumenti qawwija mfasslin sabiex jgħinu lir-reġjuni fir-ristrutturar ekonomiku u soċjali tagħhom, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku u, b'mod partikolari, l-iżvilupp u l-kompettittività b'appoġġ għall-użu sistematiku u effettiv tagħhom;

3. Jinnota bi pjaċir ir-riżultati pożittivi osservati tul il-perjodu ta' qabel il-kriżi ekonomika fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-indikaturi għar-reġjuni tal-Objettiv 2, jiġifieri l-livelli għoljin ta' rendiment fl-impjiegi, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D), l-intensità ta' kapital uman, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim għal tul il-ħajja, u jitlob li dawn il-vantaġġi komparattivi jkunu sostnuti permezz ta' tisħiħ tal-istrumenti tal-Objettiv 2;

4. Jappoġġa bil-ħerqa l-prijoritajiet kruċjali tal-istrateġija tal-UE 2020: l-esplotazzjoni ta' sorsi ġodda ta' tkabbir permezz tal-ekonomija diġitali, titjib fil-qafas regolatorju għat-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet aħjar għall-kompetittività, intraprenditorjat u innovazzjoni fir-reġjuni kollha u l-SMEs kollha li qegħdin jiżviluppaw, u appoġġ għat-tkabbir potenzjali tagħhom; jitlob li dawn il-politiki kollha jissaħħu aktar fil-qafas tal-istrateġija aktar qawwija UE 2020 li ġejja;

5. Jirrikonoxxi l-problema sinifikanti tat-tnaqqis fil-kontribut għall-kofinanzjament nazzjonali tal-programmi li taffettwa l-Objettiv 2 minħabba l-problemi finanzjarji kbar ta' bosta Stati Membri, u jappoġġa l-politika tal-Kummissjoni rigward il-possibiltà ta' "kumpens ta' 100%" wara li jkun hemm talba minn Stat Membru rigward is-sehem tal-ispiża pubbliku tagħhom fi proġetti kofinanzjati;

6. Jinnota li minn total ta' 117-il programm operazzjonali finanzjati mill-ESF, 12 ġew orjentati mill-ġdid (għall-Awstrija, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit, kif ukoll tnejn għal Spanja) bl-iskop li jiġu ttrattati bżonnijiet speċifiċi kkawżati mill-kriżi, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tgħin lill-Istati Membri biex jużaw il-flessibilità disponibbli biex jerġgħu jorjentaw il-programmi operazzjonali tagħhom sabiex tiġi pprovduta għajnuna ta' perjodu għal terminu qasir għal gruppi u kategoriji speċifiċi fir-riskju;

7. Jiddispjaċih li s-Sitt Rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali ma jinkludix informazzjoni kwalitativa u kwantitaiva speċifika dwar l-impatt fuq terminu qasir u terminu twil tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fir-reġunijiet tal-UE, b'mod partikulari fir-rigward tal-indikaturi ekonomiċi u soċjali l-aktar sinifikattivi; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rapport/studju speċjali dwar l-

effetti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fir-reġunijiet tal-UE, b'mod partikulari r-reġunijiet tal-Objettiv 2;

8. Jilqa' bi pjaċir il-miżuri ta' appoġġ għal impriżi fl-ambitu tal-politika għall-koeżjoni (madwar EUR 55 biljun bejn l-2007 u l-2013) li bosta minnhom jirrigwardaw it-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-SMEs, u jifhem li l-miżuri ta' intervent proposti favur l-impriżi jridu jimmiraw lejn ir-riżultati fit-tul tar-ristrutturar u mhux lejn interventi ta' emerġenza għas-salvagwardja ekonomika, li bosta drabi jkunu inkompatibbli mal-politiki tal-għajnuna Statali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimmoniterjaw b'mod kontinwu l-impatt tal-kriżi f'oqsma varji strutturali u ta' żvilupp u l-użu li jsir mill-opportunitajiet li joffru l-istrumenti finanzjajri allokati għall-Objettiv 2 primarjament sabiex jappoġġaw il-kompetittività u l-impjiegi, b'emfasi fuq l-intraprenditorjat u l-SMEs;

10. Jilqa' bi pjaċir il-politika tal-Kummissjoni għal (a) l-estensjoni tal-perjodu ta' eliġibilità skont il-programmi operazzjonali 2000-2006 sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-massimu r-riżorsi kollha tal-politika għall-koeżjoni, (b) is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti u l-proċeduri amministrattivi u l-immaniġġjar finanzjarju tal-programmi, filwaqt li sadanittant jiġi żgurat il-monitoragg meħtieġ għal każijiet eventwali ta' żbalji jew frodi;

11. Jappoġġa l-politika ta' "finanzjament minn qabel" għal programmi taħt il-politika għall-koeżjoni 2007-2013 li pproduċiet likwidità immedjata ta' EUR 6.25 biljun għall-2009 għal investiment fl-ambitu tal-pakketti finanzjarji li qabel fuqhom kull Stat Membru;

12. Jappoġġa l-politika għall-għajnuna għal proġetti kbar għar-reġjunui (finanzjament ta' EUR 50 miljun u aktar) li l-Kummissjoni introduċiet fl-2009, u jitlob li jkun hemm żieda oħra ta' aktar minn 25% għall-finanzjament ipprovdut permezz ta' JASPERS (Joint Assistance in Supporting Projects in European Regions) bil-mira ta' preparazzjoni u implimentazzjoni malajr ħafna ta' proġetti kbar;

13. Jappoġġa l-bidliet proposti għar-regoli ta' implimentazzjoni li għandhom l-iskop li jsaħħu l-flessibilità tal-Fondi Strutturali u l-adattament tagħhom sabiex jissodisfaw il-bżonn, taħt ċirkustanzi ekonomiċi eċċezzjonali, ta' implimentazzjoni immedjata ta' 455 programm taħt il-politika għall-koeżjoni, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-programmi tal-Objettiv 2, filwaqt li xorta jiġi kkunsidrat il-bżonn li istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali u awtoritajier maniġerjali jadattaw ruħhom għal din is-sitwazzjoni ġdida;

14. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-pjan ta' azzjoni tal-Att dwar Negozji Żgħar wara sena ta' implimentazzjoni (Diċembru 2009), primarjament f'dak li jirrigwarda riżultati miksuba biex tissaħħaħ il-kompetittività tagħhom u l-aċċess għall-finanzjament u kapital operattiv, il-promozzjoni ta' neġozji li jkunu għadhom jidbew, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, eċċ.

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

# NOTA SPJEGATTIVA

***Introduzzjoni***

Fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija u tat-tnaqqis fl-attività ekonomika fl-Ewropa, il-politika reġjonali tal-UE tagħti kontribut deċiżiv għall-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku u tikkostitwixxi l-akbar sors ta' investiment tal-Komunità fl-ekonomija reali u tipprovdi appoġġ notevoli għall-investiment pubbliku, inkluż fil-livell reġjonali u lokali. Fid-dawl tan-nuqqas ta' mekkaniżmi effettivi tal-UE għal koordinazzjoni ekonomika u tkabbir bilanċjat, il-politika għall-koeżjoni permezz tal-Fondi Strutturali u azzjonijiet oħra hija ta' importanza primarja.

Il-politika reġjonali mhijiex biss mod kif itaffi malajr l-effetti ekonomiċi u soċjali negattivi tal-kriżi, iżda hija wkoll politika għal terminu fit-tul sabiex tikkumbatti l-problemi strutturali li nkixfu u nħolqu fl-isfond tal-kriżi, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-kompettittività u l-impjiegi fl-Istati Membri tal-Objettiv 2. Dan ir-rapport jiffoka fuq l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni taż-żewġ pilastri prinċipali tal- Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku, b'mod partikulari l-pilastru tal-kompetittività, permezz ta' użu effettiv u sistematiku u l-meżżi korrispendenti tagħhom.

***Il-kriżi ekonomika u "l-kompetittività u l-impjiegi reġjonali"***

L-Objettiv 2 kien, u għadu, wieħed mill-pilastri l-aktar importanti tal-politika għall-koeżjoni u llum jassumi sinifkat partikulari fil-kuntest tal-ħruġ mill-kriżi ekonomika, taż-żieda tal-kompetittività tar-reġunijiet Ewropej u t-tlestija tagħhom għat-tkabbir fiż-żmien ta' wara l-kriżi.

Fil-perjodu 2000-2006, l-Objettiv 2, li kien jirrigwarda appoġġ għall-konverżjoni ekonomika u soċjali ta' żoni li kienu lura fl-iżvilupp, kien immirat għal 15.2% tal-Ewropej (madwar 69.8 miljun abitant kienu jgħixu fiż-żoni tal-Objettiv 2). Dawn ibbenefikaw minn finanzjament komplessiv ta' EUR 22.5 biljun (9.6% tar-tiżorsi kollha), li huwa kkalkulat li ħolqu 730 000 impjieg gross.

Dawn ir-reġjuni jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej: (a) żoni industrijali (8.5%) b'rati ta' qgħad ogħla mill-medja tal-Komunità, b'impjiegi industrijali aktar mill-medja tal-Komunità u li qed jonqsu kontinwament (b) żoni rurali (5.2%) b'densita' ta' popolazzjoni ta' anqas minn 100 abitant għal kull kilometru kwadru, b'rata ta' impjiegi fis-settur rurali li hija aktar mid-doppju tal-medja tal-Komunità, b'rata ta' qgħad ogħla mill-medja tal-Komunità u b'popolazzjoni li qed tonqos kontinwament, (c) żoni urbani (1.9%) b'qgħad fit-tul akbar mill-medja tal-Komunità, b'livell għoli ħafna ta' faqar, ambjent soċjali degradat ħafna, rata ta' kriminalità għolja, rendiment edukattiv baxx, (d) żoni tas-sajd (0.3%), (e) żoni mħallta (2.1%).

Bir-riforma tal-2006 l-Objettiv 2 issa jikkonċerna t-tisħiħ tal-kompetittività reġjonali u l-impjiegi f'total ta' 186 reġjun f'19-il Stat Membru (ara l-Anness 1), jiġifieri 314-il miljun abitant, b'finanzjament totali għall-2007-2013 ta' EUR 54.7 biljun (kważi 16% ta' riżorsi globali). Huwa għalhekk importanti li l-Objettiv 2 jiġi sfruttat bis-sħiħ sabiex jingħata

kontribut sħiħa għall-istrateġija għall-irkupru tal-ekonomiji tagħna, kif ukoll għall-kompetittività tagħhom. B'mod partikulari huwa importanti li madwar 73.7% ta' dan l-ammont destinat sabiex (a) itejjeb l-għarfien u l-innovazzjoni (33.7%), u (b) xogħol u impjiegi u aħjar (40%). Il-persentaġġ korrispondenti għar-reġjuni tal-Objettiv Nru 1 huwa aktar baxx sewwa, 40% biss, għalkemm, f'ċifri assoluti, huwa sinifikattivament ogħla minħabba l-bżonnijiet akbar fiż-żona in kwistjoni (Ara l-Anness II).

L-aktar rapport riċenti tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika u politika juri li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi tar-reġjuni tal-Objettiv 2 kienu stabbilew livelli ta' rendimenti għoljin qabel il-kriżi ekonomika fl-impjiegi, l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D), l-intensità ta' kapital uman, l-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim għal tul il-ħajja, filwaqt li f'oħrajn, bħall-investiment barrani dirett (FDI) u l-produttività, ir-reġjuni ta' konverġenz juru livelli ta' rendiment ogħla (ara l-Anness III).

Bħala eżempju, qabel il-krizi, bejn 2000 u l-2006, il-PGD per capita meta mqabbel mal-medja tal-UE tela' b'sitt punti globalment, hekk li ġab ir-reġjuni ta' konverġenza sa 4 punti ta' persentaġġ mill-medja tal-UE, għal 59%, li huwa eqreb, però ferm aktar baxx mil-limitu minimu ta' 75%. Ir-reġjuni ta' kompetittività u l-impjiegi (Objettiv 2) filwaqt li jinsabu 'l quddiem sew mill-oħrajn b'122%, madankollu sofrew tnaqqis ta' 4.4% fil-perjodu 2000-2006. Iż-żieda kbira fil-prodottività fir-reġjuni ta' konverġenza hija r-raġuni prinċipali għala d-differenza tal-PGD per capita naqas b'mod sinifikanti (ara l-Anness IV).

Mill-2000 'il quddiem il-prodottività tal-industrija u s-servizzi turi żieda annwali ta' 2% fir-reġjuni ta' konverġenza, id-doppju tal-persentaġġ tar-reġjuni tal-kompetittività u l-impjiegi taħt l-Objettiv 2. Din iż-żieda ġiet appoġġata b'assistenza għall-edukazzjoni, użu aħjar u usa' tal-ICT u influss ogħla ta' investiment dirett barrani. Fl-istess waqt, għad hemm disparitajiet kbar fl-istandards tal-edukazzjoni bejn ir-reġjuni. Il-proporzjon ta' gradwati huwa ta' kważi 9% ogħla fir-reġjuni tal-Objettiv 2 milli fir-reġjuni ta' konverġenza. Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim għal tul il-ħajja wkoll tinsab lura b'mod sinifikanti fir-reġjuni ta' konverġenza, fejn il-proporzjon huwa nofs dak tar-reġjuni tal-Objettiv 2.

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika tenfasizza d-dgħjufija taż-żoni ta' konverġenza Ewropej u l-iżvantaġġi strutturali, b'mod partikulari fir-rigward tal-kompetittività u l-impjiegi tar-reġjuni Ewropej. Abbażi tat-tbassir l-aktar reċenti tal-Kummissjoni (2009-2011), is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol se tibqa' sfavorevoli u r-rata tal-qgħad mistennija tilħaq l-10.25% fl-UE, bit-telf ta' 2.25% tal-impjiegi għall-2009 u 1.25% għall-2010;

Il-kriżi, bl-impatt tagħha fuq is-setturi kruċjali tal-ekonomija, għandha l-konsegwenzi li ġejjin fil-perjodu attwali wkoll: (a) żieda fl-ordnijiet ġodda u fil-fiduċja u titjib fis-sitwazzjoni industrijali ġenerali tal-UE li jwassal għal stabilizzazzjoni fil-produzzjoni industrijali mingħajr madankollu ma jkun hemm rkupru drammatiku, jiġifieri, rata ta' produzzjoni ta' 20% aktar baxxa milli kienet fil-bidu tal-2008 (ara l-Anness IV), (b) ikompli t-tnaqqis tal-attività fis-settur tal-manifattura, u (c) tkompli d-diffikultà tal-SMEs sabiex jaċċessjaw mikro-kreditu/finanzjament,

Il-problemi kbar ta' bosta Stati membri (dejn pubbliku għoli, defiċit baġitarju għoli) huma wkoll fattur inibittiv kif ukoll ta' xkiel għall-kontribut għal kofinanzjament nazzjonali għal programmi relatati mal-Objettiv 2. Sfortunatament, f'dan l-istadju hemm nuqqas ta'

informazzjoni aggregata kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-impatt tal-krizi finanzjarja u ekonomika fuq terminu qasir jew terminu twil ta' żmien fir-reġjuni tal-UE u dwar il-konfigurazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi u soċjali l-aktar sinifikanti. Ir-Rapporteur hija tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport/studju speċjali dwar l-effetti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika fir-reġunijiet tal-UE, b'mod partikulari r-reġunijiet tal-Objettiv 2, fid-dawl tal-impatt partikolarment negattiv fuq l-impjiegi u l-kompetittività.

***Il-kontribuzzjoni tal-politika reġjonali fil-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika fi ħdan il-qafas tal-Objettiv 2***

Minn Ottubru 2008 'l quddiem il-Kummissjoni pproponiet sensiela ta' miżuri biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-programmi skont il-politika għall-koeżjoni 2007-2013 sabiex jiġu mobilizzati r-riżorsi u l-mezzi kollha tagħha biex jingħata appoġġ immedjat u effettiv għall-isforzi ta' rkupru fil-livell nazzjonali u reġjonali, Taħt il-politika għall-koeżjoni madwar EUR 55 biljun (bejn l-2007 u l-2013) huma destinati sabiex jappoġġaw imprizi, li bosta minnhom jirrigwardaw it-tisħiħ tal-innovazzjoni tal-SMEs. Bosta mill-attivitajiet programmati jolqtu bżonnijiet aktar immedjati sabiex jittrattaw is-sitwazzjoni ekonomika attwali u jiffukaw b'mod partikulari fuq sfidi sinifikanti li jiffaċċjaw impriżi fl-ekonomija reali, iżda l-miżuri proposti għal interventi favur l-impriżi jimmiraw lejn ir-riżultati fit-tul tar-ristrutturar u mhux lejn interventi ta' emerġenza għas-salvagrwardja ekonomika, li huma potenzjalment inkompatibbli mal-politiki tal-għajnuna Statali.

Huwa inkoraġġanti b'mod partikolari li l-prijoritajiet kruċjali tal-istrateġija EU 2020 jenfasizzaw il-bżonn li jiġu esplojtati sorsi ġodda ta' tkabbir li fl-istess ħin jiżguraw koeżjoni soċjali u territorjali tal-UE u titjib tal-qafas regolatorju għat-tisħiħ tal-koeżjoni territorjali. Ta' min wieħed jinnota li l-koeżjoni territorjali tagħti valur miżjud lill-iżvilupp tal-kompetittività taż-żoni varji u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet aħjar għall-intraprenditorjat, it-tkabbir tal-SMEs u l-esplojtazzjoni tal-vantaġġi komparattivi tagħhom.

F'livell aktar speċifiku immedjat, fl-2010, mill-EUR 64.3 biljun intenzjonati għat-tkabbir sostenibbli, EUR 49.4 biljun jirrigwardaw il-politika għall-koeżjoni (żieda ta' 2% fuq l-2009) u EUR 14.9 biljun jirrigwardaw il-kompetittività (żieda ta' 7.9% fuq l-2009) - (ara l-Anness V). Fil-kuntest tat-tisħiħ tal-kompetittività tal-SMEs (impriżi żgħar u medji) wieħed mill-objettivi huwa l-ħolqien ta' 400 000 impjieg sal-2013 (ara l-Anness VI).

Fl-istess waqt, l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-aċċellerazzjoni tal-investiment u s-simplifikazzjoni tal-programmi tal-politika għall-koeżjoni għandha tkun li ssaħħaħ permezz ta' rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u miżuri leġiżlativi u miżuri mhux leġiżlattivi. Ir-Rapporteur taqbel mal-prijorità li għandha tingħata lit-tliet pernijiet: (a) flessibilità akbar għall-programmi ta' koeżjoni, (b) l-għoti ta' xprunatura tal-bidu b'kull mod, u (c) investiment għaqli għall-programmi ta' koeżjoni.

Evalwazzjoni inizjali bbażata fuq ir-Rapporti Strateġiċi Nazzjonali għall-2009 tindika li l-Istati Membri jidher li għamlu użu pjuttost differenti mill-istrumenti, mezzi u metodi għall-faċilizzazzjoni tal-politika għall-koeżjoni proposta mill-Kummissjoni sabiex jikkumbattu l-kriżi u jżiedu n-nefqa reali, rigward pereżempju l-użu ta' 100% tal-finanzjament, rispons għall-bidliet fil-linji gwida strateġiċi u l-assi u l-finanzjament għall-programmi operazzjonali

u t-tweġida għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' implimentazzjoni); ir-Rapporteur temmen li minn dan għandhom joħorġu konklużjonijiet utli u affidabbli. Hija temmen li, filwaqt li politika reġjonali hija politika tal-Komunità mhux sabiex jintefa tagħti għajuna ta' malajr imma sabiex isir ippjanar fit-tul, huwa ta' importanza partikolari li dan l-approċċ strateġiku ta' "flessibilità" jkompli filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat il-monitoraġġ sabiex jiġu evitati żbalji u każijiet ta' frodi. Pereżempju, il-politika tal-Kummissjoni għall-estensjoni tal-perjodu ta' eliġibilità skont il-programmi operazzjonali 2000-2006 u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti u l-proċeduri amministrattivi u l-immaniġġjar finanzjarju tal-programmi jidher li tagħti kontribut deċissiv  sabiex ikunu jistgħu jintużaw għall-massimu r-riżorsi kollha tal-politika għall-koeżjoni.

Fl-istess waqt, għandu jiġi nnutat li l-politika ta' "finanzjament minn qabel" għal programmi taħt il-politika għall-koeżjoni 2007-2013 kellha effett paljattiv għaliex irriżultat f'likwidità immedjata ta' EUR 6.25 biljun għall-2009 għal investiment fil-qafas tal-pakketti finanzjarji li qablu magħhom l-Istati Membri Stati. Hemm ukoll li sabiex tiġi ttrattata l-problema ta' tnaqqis fil-kontributi għall-kofinanzjament nazzjonali tal-programmi li taffettwa l-Objettiv 2 minħabba l-problemi finanzjarji ta' bosta Stati Membri, il-politika tal-Kummissjoni rigward il-possibilità ta' "kumpens ta' 100%" fuq talba tal-Istati Membri, jeħtieġ li tiġi appoġġata, ukoll jekk xi wħud ma rrispondewx b'mod pożittiv għal din l-possibilità, l-aktar minħabba biża' li fil-futur ma jkunux jistgħu jirrispondu għal finanzjament ta' 0% għal proġetti oħrajn sabiex jinkisbu l-ekwalizzazzjoni u bilanċjar tal-kontabilità meħtieġa.

Ir-Rapporteur tappoġġa l-politika ta' għajnuna għal proġetti kbar għar-reġjuni (finanzjament ta' EUR 50 miljun u aktar) li l-Kummissjoni introduċiet fl-2009, u titlob li jkun hemm żieda oħra ta' aktar minn 25% għall-finanzjament ipprovdut permezz ta' JASPERS (Joint Assistance in Supporting Projects in European Regions) bil-mira ta' preparazzjoni u implimentazzjoni rapida ħafna ta' proġetti kbar u aktar ħeffa fil-pagamenti lill-Istati Membri, b'mod partikulari rigward programmi taħt l-Objettiv 2. Irid jingħata appoġġ ukoll għall-bidliet proposti għar-regoli ta' implimentazzjoni li għandhom l-iskop li jsaħħu l-flessibilità tal-Fondi Strutturali u l-adattament tagħhom sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet f'ċirkostanzi ekonomiċi eċċezzjonali.

Bħala konklużjoni, ir-Rapporteur temmen fl-importanza fundamentali tal-politika għall-koeżjoni u fil-ħtieġa li hemm li din tkompli u tissaħħaħ fl-oqsma kollha. Hija temmen fil-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lill-oqsma tal-Objettiv 2 u tal-programmi relevanti tagħhom minħabba l-importanza li għandhom sabiex jisiltu l-vantaġġi u opportunitajiet komparattivi tal-oqsma, u b'mod usa', il-kontribut li jagħtu għat-tkabbir u l-impjiegi. Temmen fil-ħtieġa li jiġu mobilizzati u koordinati l-mezzi u l-istrumenti kollha sabiex jintlaħaq dan l-iskop.

## Anness I

| Regional Competitiveness and Employment | Lisbon Earmarking | Non earmarked | TOTAL |
|---|---|---|---|
| | Decided OPs | Decided OPs | |
| FR | 8.090.730.610 | 2.167.334.886 | 10.258.065.496 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **DE** | 7.736.411.732 | 1.672.869.936 | 9.409.281.668 |
| **ES** | 6.098.907.229 | 2.382.419.048 | 8.481.326.277 |
| **UK** | 6.193.002.023 | 785.385.815 | 6.978.387.838 |
| **IT** | 5.065.123.109 | 1.259.766.998 | 6.324.890.107 |
| **HU** | 984.291.129 | 1.027.938.064 | 2.012.229.193 |
| **NL** | 1.320.593.128 | 339.409.609 | 1.660.002.737 |
| **SE** | 1.407.260.632 | 218.831.256 | 1.626.091.888 |
| **FI** | 1.375.965.515 | 220.000.529 | 1.595.966.044 |
| **BE** | 1.190.483.947 | 234.690.665 | 1.425.174.612 |
| **AT** | 934.061.242 | 93.250.375 | 1.027.311.617 |
| **PT** | 663.811.932 | 276.822.334 | 940.634.265 |
| **IE** | 600.862.370 | 149.862.372 | 750.724.742 |
| **GR** | 310.481.234 | 327.895.468 | 638.376.702 |
| **CY** | 314.511.444 | 297.923.548 | 612.434.992 |
| **DK** | 457.388.655 | 52.188.584 | 509.577.239 |
| **SK** | 343.259.311 | 111.631.178 | 454.890.489 |
| **CZ** | 329.286.599 | 88.636.114 | 417.922.713 |
| **LU** | 43.923.978 | 6.563.354 | 50.487.332 |
| **19** | **43.460.355.819** | **11.713.420.133** | **55.173.775.952** |

*Source DG Regional Policy European Commission*

## Anness II

| | | |
|---|---|---|
| **Regional Competitiveness and Employment** | **55.173.775.952** | |
| **Guideline : Attractive places to invest and work** | **10.243.530.661** | **18,6%** |
| Broadband | 338.138.119 | 0.6% |
| Culture and social | 1.665.052.335 | 3.0% |
| Energy | 1.818.186.998 | 3.3% |
| Environment | 3.141.455.583 | 5.7% |
| Other Transport | 1.906.550.931 | 3.5% |
| Rail | 688.470.992 | 1.2% |
| **Road** | **685.675.704** | **1.2%** |
| **Guideline : Improving knowledge and innovation for growth** | **18.601.025.961** | **33.7%** |
| Entrepreneurship | 2.771.128.582 | 5.0% |
| ICT for citizens and business | 1.967.684.202 | 3.6% |
| **Innovation and RTD** | **11.383.859.843** | **20.6%** |
| Other investments in enterprise | 2.478.353.334 | 4.5% |
| **Guideline : More and better jobs** | **22.077.051.433** | **40%** |
| Capacity Building | 462.938.707 | 0.8% |
| **Human Capital** | **8.003.626.074** | **14.5%** |
| Labour Market | 7.967.735.368 | 14.4% |
| **Social Inclusion** | **5.642.751.284** | **10.2%** |
| | | |
| **Guideline : Territorial Dimension** | **2.566.110.730** | |
| Territorial Dimension | 2.566.110.730 | |
| **Guideline : TA** | **1.686.057.166** | |
| Technical assistance | 1.686.057.166 | |

*Source DG Regional Policy European Commission*

# Anness III

| Indicator | Period | Unit | Convergence | Transition | RCE | Remarks |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tertiary education attainment | 2007 | % of population 25-64 | 17 | 25 | 26 | |
| Tertiary education attainment trend * | 2000 - 2007 | % point change | 4.0 | 4.9 | 5.2 | |
| Participation of adults aged 25-64 in education and training | 2007 | % of population 25-64 | 5.1 | 8.1 | 11.5 | *excl. FR9* |
| Human capital intensity | 2007 | index EU27=100 | 95 | 92 | 104 | |
| Human capital intensity trend* | 2000 - 2007 | index point change | 1 | 6 | -1 | |
| Population aged 15-64 born in a non-EU27 country | 2007 | % of population 15-64 | 1.9 | 7.0 | 8.8 | |
| Population aged 15-64 born in another EU27 Member State | 2007 | % of population 15-64 | 0.8 | 3.3 | 3.7 | *excl. FR9 and IE* |
| Population aged 15-64 born in another country | 2007 | % of population 15-64 | 2.8 | 10.3 | 12.5 | |
| Unemployment rate | 2007 | % of active population | 9.2 | 8.4 | 6.1 | |
| Unemployment rate trend | 2000 - 2007 | % point change | -4.6 | -3.0 | -0.5 | |
| Arrivals in hotels | 2006-07 | Arrivals per capita | 0.7 | 1.4 | 1.4 | *excl. FR9, IE and SK* |
| Arrivals in hotels trend | 2000-01 - 2006-07 | % point change | 0.16 | 0.2 | 0.11 | |
| Core creative class | 2006-07 | % of population 15-64 | 5.4 | 6.9 | 8.3 | *excl. FR9* |
| Core creative class trend * | 2000-01 - 2006-07 | % point change | 1.1 | 0.9 | 1.0 | |
| Broadband Access** | 2008 | % of households | 32 | 43 | 57 | |
| Productivity in industry and services (PPS) | 2006 | index EU27=100 | 63 | 90 | 113 | |
| Productivity trend in industry and services | 2000-2006 | Average annual real productivity growth | 1.94 | 1.27 | 0.94 | |
| Authors of EPO patent applications | 2004-2005 | Inventors per million inhabitants | 30 | 78 | 397 | |
| Employment rate | 2007 | % of population 15-64 | 59 | 64 | 69 | |
| Employment rate trend * | 2000 - 2007 | % point change | 2.9 | 6.0 | 3.1 | |
| GDP/head (PPS) | 2006 | index EU27=100 | 59 | 95 | 122 | |
| GDP/head (PPS) trend | 2000 - 2006 | index point change | 5.4 | 5.9 | -4.4 | |
| New foreign firms per million inhabitants | 2005-07 | Total new foreign firms per million inhabitants | 268 | 62 | 225 | |
| Change in new foreign firms per million inhabitants | 2001-03 - 2005-07 | Total new foreign firms per million inhabitants | 118 | -34 | -18 | |
| R&D expenditure in the business enterprise sector | 2006 * | % of GDP | 0.36 | 0.42 | 1.36 | |
| R&D expenditure in the business enterprise sector trend | 2000-2006(est.) | % points of GDP | 0.04 | 0.08 | 0.01 | *estimate excl. Région Wallonne, FR9, major parts of UK* |

* excl. UKM5 & UKM6

*** excl. FR9, DE5, DEC, UKD1, UKE1, UKK3, UKM5*

*Source DG Regional Policy European Commission*

## Anness IV




Information provided by Eurostat

## Anness V

### Where EU money in 2010 could go

| **COMMITMENT APPROPRIATIONS BY HEADING** | Billion € | % of total budget | % change from 2009* |
|---|---|---|---|
| 1. Sustainable growth: | **64.3** | **45.4** | **+3.3** |
| *Competitiveness* | *14.9* | *10.5* | *+7.9* |
| *Cohesion* | *49.4* | *34.9* | *+2.0* |
| 2. Preservation and management of natural resources: | **59.5** | **42.0** | **+5.4** |
| *Direct payments & market related expenditure* | *43.8* | *31.0* | *+6.4* |
| *Rural development, environment, fisheries* | *15.7* | *11.0* | *+2.6* |
| 3. Citizenship, freedom, security and justice: | **1.7** | **1.2** | **+10.5** |
| *Freedom, Security and Justice* | *1.0* | *0.7* | *+16.2* |
| *Citizenship* | *0.7* | *0.5* | *+2.8* |
| 4. The EU as a global player | **8.1** | **5.7** | **+0.5** |
| 5. Administrative expenditure (for all EU institutions): | **7.9** | **5.6** | **+3.8** |
| *of which Commission* | *3.6* | *2.5* | *+2.6* |
| **Total commitments** | **€ 141.5** | **100.0** | **+3.6** |
| **In % of EU-27 GNI** | **1.20** | | |

* Excluding the EU Solidarity Fund

*Source DG Budget European Commission`*

**Anness VI**




*Source DG Budget European Commission*